U hawn insibu ma' wiċċna dil-mistoqsija: U kif trabba l-ewwel saff Għarbi fil-lsien Malti? Qerdu il-Għarab lsien il-Maltin u daħħlu tagħhom floku, jew inkella laqqmu l-Malti b'tilqima Għarbija? Mhux la kemm twieġeb bil-ħeffa. Iżda jekk inżommu quddiem għajnejna kif u l-għala daħal l-Għarbi f'artijiet oħra, u kif u l-għala ma daħalx f'artijiet oħra li damu taħt l-Għarab aktar minn Malta jidhirli li, la darba il-Għarbi daħal f'Malta, għandna ngħidu jew li l-Maltin telqu id-dîn nisrani u qalbu mal-Għarab u saru ħaġa waħda magħhom (barra minna naħsbu biss!), jew inkella li l-Għarab sabu ħawn Malta lsien semi, li, għalkemm imħassar u mħallat bi kliem barrani, kien xi ftit jixbah lil tagħhom. Jekk inhu hekk, mela l-Għarab taw lill-Malti bixla Għarbija, iżda mhux bixla Semija li hi eqdem minn żmien il-Għarab.

Il-ktieb ta' Vella fih l'hawn u 'l hinn xi erba' żellumiet li jeħtieġ wieħed isewwihom:

Faċċ. 14. Is-sura *aqtala* tal-verbi ma tinsabx fil-Malti. Mhux tassew. Għandna l-verb *agħma, jagħmi* li hu s-sura *aqtala* ta' *għama, jagħma*; hekk ukoll *agħna, jagħni* u l-verb *agħta, jâti* jew *jagħti*.

Faċċ. 14. Il-verb *biegħed* mhux sura *qâtala*, iżda *qattala*; il-*għ* ma tistâx tkun imtennija, għalhekk tibqa' kif inhi, u flokha intawwlu l-vokali ta' qabilha. Hekk ukoll *tbiegħed* hu *taqattala* u mhux *taqâtala*.

Faċċ. 15. Is-suriet *iqtalla* u *iqtâlla* fil-Malti ma jingħażlux, u fil-Għarbi wkoll jinbidlu; hekk fil-Għarbi *iswadda* u *iswâdda* fil-Malti *swied*.

Fil-Malti l-verbi għandhom ukoll is-sura *istaqattala* li ma tinsabx fil-Għarbi, iżda tinsab f'xi djaletti u fl-Etjopi, hekk il-verbi *stħarreġ, stenna, stħajjel*.

Faċċ. 25. Il-verb għarbi *bâgħa* (= *biegħ*) għandu l-parti-ċipju passiv *mabîgħ* u mhux *mabjûgħ*. Hekk ukoll il-verb *ħâta*.

Faċċ. 25. Fil-Għarbi is-superlativ isir mhux biss biż-żjieda tal-artikolu *al* quddiem il-komparativ. U l-komparativ għandu żewġ għamliet: *aqtalu* (raġel) u *qutlâ* (mara).

Faċċ 30. *ratlan ħubżan* (= ratal ħobż), *sâgħajni tamran* (= sigħajn tamar), *muddan qamħan* (= modd qamħ) mhumiex eżempi ta' *stato costrutto*. Fejn rah Vella l-*genetiv? ħubżan, tamran* u *qamħan* huma *akkusativi* mitlubin mill-ismijiet tad-*daqs*, tal-*kemm*, tal-*kejl*: *ratal, sigħajn, modd*.

Faċċ. 39. It-tiswir tal-verbi torox (*ħall*) fil-Malti u fil-Għarbi tal-Eġittu, ta' Trîpli u tal-Alġerija ma jaqbelx



mal-Għarbi l-qadim għax aħna ndeffsu ż-żjieda *ej* (fid-djaletti ê jew î) fejn ma tindaħalx fil-Għarbi. Imma, inżid ingħidlu jien, naqblu mal-Lhudi u mal-Arami, u ma' djaletti Għarbin oħra tal-Lvant.

Faċċ. 52. Il-kelma *bejna* (= bejn) fil-Malti u f'xi djaletti Għarbin xi drabi tieħu l-għamla tal-plural *bejniet*. Dan ma isirx fil-Għarbi l-qadim, iżda jsir fil-Lhudi.

B'dan kollu ma rridx immaqdar u la l-ktieb u l-anqas il-kittieb. Is-Sur Vella jistħoqqlu kull tifħir għall-ħeġġa tiegħu għall-Malti, u għall-ħsieb li kellu li jgħin tagħrif il-lsien Malti bil-ktieb tiegħu, iżda ridt nuri n-nuqqasijiet tal-ktieb bil-fehma li jatina s-Sur Vella l-quddiem xi ħaġa aħjar fuq il-Malti u hekk nimxu lkoll għalenija u aktar bil-ħeffa f'tagħrif ilsienna.

**Sajdun.**

# LILL-BAĦAR

X'ħin nilmħek, bħal mèra,
bla kemxa, bla nikta,
fil-ħlewwa tas-sikta,
f'dak kobrok bla qies,

mewġietek li jaħbtu
għall-plajja ġeblija,
b'damdima qawwija,
minfuħa mir-riħ,

tfakkarni f'Mîn ħalqek,
f'dak kobru tal-għaġeb,
din qalbi tistgħaġeb
kemm ħabbna l-Ħallieq.

juruni bid-dieher
dik l'id li ħâlqitek,
felħana w-għalqitek
ġo nofs l-artijiet.

X'ħin nilmaħ dak wiċċek
bis-sikta jitbiegħed,
jitqalleb u jriegħed
il-qlûb tal-bnedmin,

Dlonk toħroġ minn fommi
minn qalbi ferħana,
il-għajta felħana:
ja Alla, x'int ċbir!

Ilqagħha, ja baħar,
minn tiegħi t-tislima,
nizżik ħajr bil-qima
li wrejtni l-Ħallieq!

**Dun Pietru Pawl.**